

DEĊIŻJONI (UE) 2020/265 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**tas-27 ta' Novembru 2019****dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità għall-finanzjament ta' miżuri baġitarji immedjati biex jiġu indirizzati t-theddidiet kontinwi tal-migrazzjoni, tad-dħul tar-rifuġjati u tas-sigurtà**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punt 12 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Istrument ta' Flessibilità huwa maħsub biex jippermetti l-finanzjament ta' nefqa identifikata b'mod ċar li ma setgħetx tiġi ffinanzjata fil-limiti disponibbli ta' intestatura waħda jew aktar.
- (2) Il-limitu massimu tal-ammont annwali disponibbli għall-Istrument ta' Flessibilità huwa EUR 600 000 000 (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 ⁽²⁾, li jiżded, fejn applikabbli, mill-ammonti skaduti li saru disponibbli skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu.
- (3) Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi kontinwi tal-migrazzjoni, id-dħul ta' rifuġjati u theddid għas-sigurtà, huwa meħtieġ li jiġu mmobilizzati ammonti addizzjonali sinifikanti għall-finanzjament ta' tali miżuri bħala kwistjoni ta' urġenza.
- (4) Wara li eżaminaw il-possibilitajiet kollha għar-riallokazzjoni tal-appropriazzjonijiet taħt il-limitu massimu tan-nefqa għall-Intestatura 3 (*Sigurtà u ċittadinanza*), huwa meħtieġ li jiġi mmobilizzat l-Istrument ta' Flessibilità biex jissupplimenta l-finanzjament disponibbli fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2020, lil hinn mil-limitu massimu tal-Intestatura 3 bi EUR 778 074 489 biex jiġu ffinanzjati miżuri fil-qasam tal-migrazzjoni, tar-rifuġjati u tas-sigurtà.
- (5) Abbażi tal-profil tal-pagament mistenni, l-appropriazzjonijiet ta' pagament li jikkorrispondu għall-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità jenħtieġ li jiġu mqassma matul diversi snin ta' finanzjament.
- (6) Sabiex ikun permess l-użu malajr tal-fondi, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mill-bidu tas-sena finanzjarja 2020,

ADOPTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2020, l-Istrument ta' Flessibilità għandu jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 778 074 489 f'appropriazzjonijiet ta' impenn fl-Intestatura 3 (*Sigurtà u Ċittadinanza*).

L-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jintuża biex jiffinanzja miżuri biex jiġu indirizzati l-isfidi kontinwi tal-migrazzjoni, id-dħul ta' rifuġjati u t-theddid għas-sigurtà.

⁽¹⁾ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

2. Abbażi tal-profil tal-pagament mistenni, l-approprjazzjonijiet ta' pagament li jikkorrispondu għall-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità għandhom ikunu stmati kif ġej:

- (a) EUR 407 402 108 fl-2020;
- (b) EUR 312 205 134 fl-2021;
- (c) EUR 42 336 587 fl-2022;
- (d) EUR 16 130 660 fl-2023;

L-ammonti speċifiċi ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għal kull sena finanzjarja għandhom jiġu awtorizzati f'konformità mal-proċedura baġitarja annwali.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Magħmul fi Strasburgu, is-27 ta' Novembru 2019.

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
D. M. SASSOLI

Għall-Kunsill
Il-President
T. TUPPURAINEN
